# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 10**

**Rikors numru 70/15 MCH**

**Maria Rosaria Fenech;**
**Karen mizzewga Lagana; u**
**Audrey mizzewga Mashburn**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) fil-kwalita`**
**rapprezentattiva tieghu; u Avukat Generali**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti Maria Rosaria Fenech, Karen mizzewga Lagana u Audrey Ann mizzewga Mashburn, mis-sentenza moghtija fl-14 ta' Gunju 2017 [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt illi laqghet it-talbiet tar-

rikorrenti u sabet li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], illikwidat favur ir-rikorrenti kumpens ta' €9,000 li ghandu jinqasam ugwalment bejn ir-rikorrenti u li ghandu jithallas *in solidum* bejn l-intimati, u ghall-bqija cahdet it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti, bl-ispejjez jithallsu mill-intimati wkoll in solidum bejniethom.

Mertu

2. Illi r-rikorrenti bhala armla u eredi ta' John Fenech li miet fit-8 ta' Settembru 2011 tal-eta` ta' 73 sena, fethu dawn il-proceduri biex jiksbu dikjarazzjoni illi d-drittijiet fondamentali taghhom taht l-artikoli fuq citati gew lezi meta bl-espozizzjoni ghal zmien twil ghal ammonti kopjuzi ta' asbestos fil-kors tal-impieg tieghu mal-Malta Drydocks mill-1959 sal-1995, bir-rizultat li dan wassal ghall-mewt tal-imsemmi John Fenech kagun tà *asbestosis* u *respiratory failure*.

3. Fir-rikors promotur taghhom ir-rikorrenti ghamlu s-segwenti talbiet relevanti ghal dan l-appell odjern:-

> "4. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew liema minnhom fil-konfront tar-rikorrenti individwalment;
>
> "5. Tillikwida dan l-ammont ta' kumpens;

> "6. Tordna li l-ammont hekk likwidat bhala rimedju pekunjarju jithallas lir-rikkorrenti individwalment;
>
> "7. Tordna li jigu rifuzi lil Maria Rosaria Fenech l-ispejjez konnessi mal-funeral ta' zewgha u cioe` Euro 1546.82 u dan in linea ta' damnum emergens skond il-kap. 16 (vide Dok. 6);"

4. Fir-risposta taghhom, l-intimati, *inter alia*, cahdu li kien hemm ksur tad-drittijiet protetti mill-artikoli citati mir-rikorrenti.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment:

> "Skond ix-xiehda tal-Professur Joseph Cacciatolo, kap tad-dipartment tal-medicina fl-Universita, riprodotta minn kawza ohra fuq fatti simili ghal din, jghid li hemm ness ta' kawzalita diretta bejn l-espozizzjoni ghall-asbestos ma' peritoneal mesothelcima , li hu kancer tal-pulmun, pero tista' teffettwa r-riti tal-imsaren, madwar il-qalb u t-testikoli. Dan in-ness ta' kawzalita bejn l-espozizzjoni ghall-asbestos mal-kancer ilu ppruvat xjentifikament mill-1960 mill-British Medical Journal li hu wiehed miz-zewg gurnali principali medici li jinqraw mit-tobba.
>
> "Giet ukoll riprodotta x-xiehda ta' Ray Busuttil, supretendent tas-sahha pubblika wkoll mehuda minn kawza ohra fuq fatti simili li qal li informazzjoni dwar l-asbestos u s-sahha pubblika bejn l-1956 u s-sena 2010 ma kien hemm xejn fuq livell nazzjonali u ma kienx hemm direzzjoni dwar l-uzu tal-asbestos in generali.
>
> "Maria Rosaria Fenech, armla ta' John Fenech xehdet li zewgha dahal jahdem it-tarzna ta' erbatax-il sena u baqa' jahdem hemm sakemm gie boarded out fl-1995 ta' 57 sena. Gie boarded out peress li kellu problemi f'dahru minhabba n-natura iebsa tax-xoghol tieghu bhala fitter. Ma kellux problemi ohra ta' sahha. Hu miet kawza tal-marda qerrieda konsegwenza ghall-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos meta kien jahdem d-drydocks. Il-marda tfaccat f'salt fl-2011 wara li waqa' d-dar u beda jilmenta minn ugiegh f'dahru u qtugh ta' nifs. Miet fi ftit xhur.
>
> "Ulied John Fenech ikkonfermaw ix-xiehda ta' ommhom.

"Joseph Saliba, policy manager ta' Malta Shipyards fil-Ministeru tal-Infrastruttura f'xiehda wkoll riprodotta minn kawza ohra simili qal li l-ahhar kariga li kellu kien ta' health and safety manager mal-Malta Shipyard li qabel kienet Malta Drydocks. Kien ilu jokkupa l-kariga mill-1993. Xoghlu kien li jiehu hsieb is-sahha u sigurta tal-haddiema. L-asbestos jintuza f'diversi affarijiet bhal insulation, boards u wiring. Fl-investigazzjonijiet li kienu ghamlu fit-Tarzna sabu tlett tipi ta' asbestos, l-aktar hu dak l-inqas nociv pero sabu ftit li hu l-aktar forma ta' asbestos nociva. F'Malta saru konxji dwar il-periklu tal-asbestos fin-nofs tad-disghinijiet, u bil-mod bdew jittestjaw ghal u jigbru l-asbestos minn fejn sabuh fid-Drydocks ghal habta tal-ahhar tad-disghinijiet. L-asbestos tnehha kollu mid-Drydocks u gie esportat b'mod legali ghad-distruzzjoni tieghu. Bhala prekawzjoni wkoll bdew igibu nies apposta biex jittestjaw vapuri li jidhlu t-tarzna ghal xoghol fuqhom sabiex jivverifikaw kellhomx asbestos. It-tarzna hadet ukoll il-prekawzjoni li tiehu l-haddiema ghal check ups l-isptar fejn qabel il-haddiema kienu jinghataw dangerous employment allowance li nqatghet. Zied li meta kien gie mpjegat mat-tarzna fis-sittinijiet, l-asbestos kien jintuza bhala sheeting kontra s-shana. Ghalkemm l-asbestos hu assocjat mat-tarzna ghax jidhlu hafna vapuri, pero jinsab ukoll f'gaskits tal-karozzi, corrugated sheeting u tankijiet tal-ilma fuq il-bejt.

"Dr George Peplow kwalifikat fil-kimika analitika li x-xiehda tieghu giet ukoll riprodotta minn kawza ohra qal li l-asbestos hu perikoluz pero f'certi cirkostanzi jista' jkun aktar perikoluz jekk tnehhih minhabba l-fibri li jarmi fl-arja. Hu ghamel diversi konsulenzi fosthom l-isptar St. Luke's. Qal li kien hemm awareness fuq il-periklu assocjat mal-asbestos mill-ahhar tas-sittinijiet pero bhala ligijiet anki internazzjonali dawk waslu aktar tard, anki barra minn Malta. Fil-bidu tas-sebghinijiet il-prekawzjonijiet li kienu jittiehdu f'Malta kien li jekk tuza l-asbestos tahsel idejk u li toqghod attent ma jigix fuq hwejjgek, pero ma kienx hemm sens tal-estent u kejl tar-riskju involut. Dan beda jsir b'mod aktar xjentifiku fid-disghinijiet. L-aktar li jintuza l-asbestos hu fuq il-vapuri bhal insulaturi ghal hot water pipes, partitions bejn bibien bhala fire retardant, pero jintuza wkoll f'affarijiet ohra bhala corrugated sheeting. L-ewwel ligi f'Malta saret fl-2003 biex tipprotegi l-haddiema, ghalkemm fit-tmenijijiet ma setghax jigi importat aktar f'Malta. Ix-xhud spjega li l-fatt li hemm asbestos f'sit, dan mhux necessarjament perikoluz jekk fl-arja ma hemmx livell gholi ta' fibri tal-asbestos. Jekk pero l-asbestos jigi iddisturbat il-livelli fl-arja ser joghlew.

"**Eccezzjoni li l-lanjanzi li jirreferu ghal perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987 ma jistghux jigu mistharrga mill-Qorti ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 319**

"Din l-eccezzjoni ma ghandhiex mis-sewwa billi l-lanjanza tar-rikorrenti qed tirreferi ghal episodji li veru sabu l-origini taghhom qabel l-1987 pero l-effetti taghhom baqghu oltre l-1987 sakemm missier ir-rikorrenti miet fl-2006 allegatament kawza tal-asbestos li kien espost ghalih fil-

perjodu li kien jahdem mad-Drydocks mill-1959-1982. (Ara **Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat General et**, Kost 29/04/2016).

"**Mertu**

"Il-mertu tal-azzjoni hu wiehed semplici. Ir-rikorrenti qed jallegaw li l-marda ta' John Fenech cioe kancer tal-pulmun kien ir-rizultat dirett tal-fatt li hu kien espost ghal diversi snin qabel mewtu ghal kontaminazzjoni minn asbestos fil-post tax-xoghol minghajr ma ttiehdu prekawzjonijiet mill-awtoritajiet tas-sahha biex jipprevjenu tali mard.

"Irrizulta mill-provi illi John Fenech dam aktar minn 30 sena jahdem id-Drydocks, entita pubblika tal-Gvern, fejn kien hemm materjal tal-asbestos prezenti u li sa mis-sittinijiet kien hemm informazzjoni medika dwar il-periklu assocjat mal-asbestos u ghal persuni li jigu esposti ghalih. Saret ukoll il-prova illi l-awtoritajiet tas-sahha bdew jiehdu mizuri preventivi fid-disghinijiet, cioe ftit qabel ma John Fenech irtira mix-xoghol.

"Gie stabbilit mix-xiehda tal-Professur Cacciatolo, kap tad-dipartiment tal-medicina fl-universita li hemm ness dirett bejn il-marda tal-kancer u l-espozizzjoni tal-bniedem ghall-asbestos. John Fenech miet kawza ta' din il-marda kif juri c-certifikat tal-mewt u l-inkartament tal-isptar esebit. Hu beda juri sintomi avvanzati ta' din il-marda fl-2011 kif jidher mill-istess notamenti u miet fl-istess sena. Ghalkemm hu minnu illi l-marda tfaccat b'mod accertat klinikament snin wara li John Fenech spicca mill-impjieg pero n-ness dirett tal-marda max-xoghol tieghu fid-Drydocks ma giex meghlub bi prova kuntrarja mill-intimati, nonostante it-trapass taz-zmien. In oltre jigi rilevat li x-xoghol ta' John Fenech kien esklussivament fit-tarzna u ma ngiebet ebda prova li seta` kkontratta l-marda banda ohra jew minn sors iehor.

"Ir-rikorrenti jilmentaw illi minhabba l-marda li biha miet John Fenech kien hemm vjolazzjoni tal-art. 33 tal-Kostituzzjoni u tal-art. 2 u l-art. 8 tal-Konvenzjoni:

> ""33. (1) Hadd ma jista' jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-ligi ta' Malta li tieghu jkun gie misjub hati.
>
> ""2. (1) Id-dritt ghall-hajja ta' kulhadd ghandu jigi protett b'ligi. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti wara li jigi misjub hati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-ligi din il-piena
>
> ""8. (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu ...""

"Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Prim Awla Sede Kostituzzjonali fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et vs Tabib Principal ital-Gvern (Sahha Pubblika) et** deciza fil-31 ta' Jannar 2017 fejn irreferiet ghal

kaz tal-ECHR **Brincat vs Malta** f'aktar dettall. Il-Qorti tqis illi ezami tas-sentenza tal-kaz Brincat hargu s-segwenti principji:

> ""79. The Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of unjustified force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction (see, for example, L.C.B. v. the United Kingdom, 9 June 1998, § 36, Reports 1998-III, and Paul and Audrey Edwards, cited above, § 54).
>
> ""80. This obligation is construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake, and a fortiori in the case of industrial activities which by their very nature are dangerous, such as the operation of waste-collection sites (see Öneryıldız v. Turkey [GC], no. 48939/99, §71, ECHR 2004-XII) or nuclear testing (see L.C.B. cited above, § 36) or cases concerning toxic emissions from a fertiliser factory (see Guerra and Others v. Italy, 19 February 1998, §§ 60 and 62, Reports 1998-I, although in this case the Court found that it was not necessary to examine the issue under Article 2, it having been examined under Article 8).
>
> ""81. The Court considers that the same obligations may apply in cases, such as the present one, dealing with exposure to asbestos at a workplace which was run by a public corporation owned and controlled by the Government.
>
> ""106. Thus, as to whether the Maltese Government knew or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards - many of them taken from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument - that is, that information was at the time not as readily available as it is today - it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information. Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or

> around the 1970s, unaware of these worrying medically related findings at the time.
>
> ""Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above) is in itself an implicit acknowledgement by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide adequate health and safety measures in that respect.
>
> ""Against this background, the Court concludes that for the purposes of the present case, it suffices to consider that the Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at least as from the early 1970s.
>
> ""107. As to the fulfillment of the ensuing obligations, as stated above, the respondent Government claimed that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers and this as early as 1987 by means of the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations. It follows that, by Government's admission, up until 1987 no positive action was taken in the nearly two decades (four years in the case of Mr. Attard who left the MDC in 1974) during which the applicants had been exposed to asbestos.
>
> ""111. Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been endangered by the inherent risk of exposure to asbestos.""

"Tajjeb jinghad illi d-decizjoni ta` Brincat (op. cit.) kienet tittratta kwistjoni identika ghal din tal-lum fejn l-ECHR ikkonkludiet li kien ippruvat ness ta` kawzalita` sufficjenti in kwantu malignant mesothalioma hija maghrufa bhala kancer rari assocjat ma` esposizzjoni ghal asbestos. Inghad hekk :-

> ""83. The medical certification indicated that Mr Attard's death was likely to be a result of asbestos exposure; malignant mesothelioma is known to be a rare cancer associated with asbestos exposure. The Court observes that it has not been contested or denied that Mr Attard worked at Malta Drydocks for more than a decade (1959-1974), during which time he was repeatedly exposed to asbestos. Neither has it been shown that Mr Attard could have been contaminated elsewhere or that he was affected by other factors that could have led to the disease. In these circumstances, and given that Mr Attard has died as a result of his cancer, the Court considers that Article 2 is applicable to the complaint brought by the applicants in application no. 62338/11 relating to the death of the said Mr Attard.""

"Fil-kaz ta` Brincat (op. cit.) inghad ukoll:-

> ""85. However, in the context of dangerous activities, the scope of the positive obligations under Article 2 of the Convention largely overlaps with that of those under Article 8 (see Öneryıldız, cited above, §§ 90 and 160). The latter provision has allowed complaints of this nature to be examined where the circumstances were not such as to engage Article 2, but clearly affected a person's family and private life under Article 8 (see López Ostra v. Spain, 9 December 1994, Series A no. 303-C and Guerra and Others, cited above).""

"Il-konkluzjoni kienet illi fil-kaz tal-haddiema li mietu bil-mesothelioma l-ilment taghhom kellu jigi trattat fil-kuntest ta` vjolazzjoni tal-Art 2 mentri fil-kaz tal-haddiema illi mardu bil-mesiothelioma l-ilment kellu jigi trattat biss fl-ambitu tal-Art 8.

"Din il-Qorti tikkondividi l-linja traccjata mill-ECHR u sejra tqis il-mewt ta' John Fenech, ghar-ragunijiet fuq esposti, bhala vjolazzjoni tal-art. 2 mhux tal-art. 8.

"In kwantu ghall-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni fil-kawza **James Agius vs Avukat Generali et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2015, intqal hekk:

> ""L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni "Ir-rikorrenti qed tallega ksur ta' dan l-artikolu flimkien malartikolu 2 tal-Konvenzjoni. Il-kliem tal-artikolu 33 mhuwiex ezattament l-istess bhat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza "Everyone's right to life shall be protected by law". Dan il-principju assolut mhuwiex rispekkjat fl-artikolu 33 li jinkorpora biss it-tieni frazi tal-artikolu 2. Wiehed jista' jirraguna li din il-frazi thalliet barra appozitament u ghalhekk l-artikolu 33 jitkellem biss dwar indhil dirett mill-Istat.
>
> ""Izda dan l-artikolu ghandu jinghata l-istess applikazzjoni bhall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni ghal diversi ragunijiet. L-ewwel nett hu pacifiku li rresponsabbilita guridika temani mhux biss fuq att pozittiv u dirett, imma anke minn att ta' omissjoni fejn persuna tonqos milli taghmel dak li hu mistenni ragonevolment minnha. Att ta' omissjoni jista' jkun leziv daqs att ta' kommissjoni. "Inoltre, l-obbligazzjoni sancita bl-artikolu 33 hija wahda essenzjalment tal-protezzjoni tal-hajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal-Istat. Dan jirrikjedi li l-Istat ghandu jkun marbut mhux biss milli jindahal fit-tgawdija ta' tali dritt imma anke li jiehu mizuri pozittivi biex jassigura t-tharis tad-dritt; altrimenti dan l-artikolu ikun wiehed dghajjef u ineffettiv.""

"A bazi ta' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti issib li mill-provi prodotti l-mewt ta' John Fenech kienet ta' rizultat ta' ommissjoni serja da parti tal-istat li mhux biss ma aggornax ruhu bil-legislazzjoni mal-gharfien tal-perikli tal-asbestos u l-uzu tieghu izda naqas ukoll li jaghmel rakkomandazzjonijiet pubblici dwar mizuri ta' prevenzjoni u eliminazzjoni tal-uzu f'waqtha ta' din is-sustanza nociva ghas-sahha tal-bniedem. Dan wassal biex John Fenech ghamel snin twal espost ghal dan il-materjal bla ebda hjiel tal-periklu li kien qed jigi espost inkonxjament ghalih, periklu li mill-ahhar tas-sittinijiet kien gia evidenti

u rikonoxxut medikament. Il-Qorti ghalhekk taqbel ma' dak li ntqal mill-ECHR fi Brincat vs Malta u dak kunsidrat mill-Qorti Maltija kif fuq riportat u ribadut mill-istess Qorti diversament preseduta fil-kawza **George Spiteri et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et**, deciza fit-23 ta' Novembru 2016.

"**Kumpens**

"Stabbilit illi John Fenech miet probabilment kawza tal-kancer assocjat mal-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos fi zmien li kien jahdem mat-tarzna, l-eredi tieghu cioe martu u uliedu li kienu vicin tieghu fil-mumenti l-aktar difficli ta' hajtu cioe l-ahhar sena qabel ma miet batew is-sofferenza ta' mara li tara lil zewgha u uliedu li jaraw lil missierhom ibati fl-ahhar ta' hajtu minn marda li originat mill-materal uzat fil-post tax-xoghol tieghu. Il-Qorti tqis li dan mhux kaz fejn id-dikjarazzjoni ta' lezjoni hi rimedju sufficjenti. Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ghandhom jinghataw danni non prekunjarji ghas-sofferenza lil mart u eredi ta' John Fenech. Il-Qorti taghmel referenza ghaz-zewg sentenzi Maltin gia msemmija aktar il-fuq cioe dak ta' Spiteri u Farrugia u l-kumpens hemm likwidat. Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz hemm differenza sostanzjali mill-kawzi l-ohra cioe t-trapass ta' zmien bejn meta John Fenech irtira u meta jidher pruvat li l-marda qerrieda qabdet mieghu cioe l-ahhar sena ta' hajtu. Fil-kawzi l-ohra l-eta tal-persuni milquta kienu fis-sittinijiet u ghalhekk ta' eta pjuttost zghira u f'perjodu fejn il-kapacita lavorattiva u l-kontribuzzjoni familjari attiva kienet ghadha qawwija. Jigi rilevat ukoll illi John Fenech miet ta' 76 sena cioe sittax-il sena wara li irtira u ta' eta avvanzata ghalkemm mhux xjuhija kbira. Dawn il-fatturi jwasslu lil Qorti tikkonkludi illi l-kumpens non pekunjarju ghas-sofferenza subita bil-vjolazzjoni tad-dritt msemmi ghandu jkun ta' €9,000.

"Billi dawn id-danni huma ta' natura mhix pekunarji ghal lezjoni tad-dritt fundamentali ma tqis illi hu gustifikat is-seba' talba attrici ghal hlas tal-ispejjez tal-funeral ta' John Fenech bhala danni civili mif mitlub".

L-Appell

6. Ir-rikorrenti pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors datat 28 ta' Gunju 2017, fejn talbu illi din il-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma l-lezjoni riskontrata taht l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, [i] tawmenta sostanzjalment il-kumpens moghti lilhom ghall-vjolazzjoni u dan vicin kemm jista' jkun in linea mal-kazistika tal-

Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [il-Qorti Ewropea] citata fl-atti ta’ dan il-kaz, u [ii] tordna r-rifuzjoni tal-ispejjez imhallsa ghall-funeral ta’ John Fenech fis-somma ta’ €1,546.82.

7. L-aggravji taghhom fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti: [i] l-ammont ta’ €9,000 likwidat mill-ewwel Qorti bhala danni morali ghall-ksur riskontrat fis-sentenza appellata, huwa baxx wisq, anke b’referenza ghall-kumpens moghti f’kazijiet analogi, tant illi bid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti ddiskriminat kontra r-rikorrenti fir-rigward tal-kumpens moghti; [ii] l-ewwel Qorti ma messitx cahdet is-seba’ talba taghhom ghar-rifuzjoni tal-ispejjez imhallsa ghall-funeral.

8. B’risposta minnhom ipprezentata fit-13 ta’ Lulju 2017, l-intimati kollettivament bejniethom wiegbu illi, filwaqt illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma, l-appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess risposta tal-appell.

L-Aggravji

9. Qabel xejn hija opportuna l-osservazzjoni illi ma sar ebda appell dwar id-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn sabet lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti taht l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, izda mhux taht l-Artikolu 8. Ghalhekk l-appell, u kwindi l-konsiderazzjonijiet

ta' din il-Qorti, ser ikunu limitati ghall-aspett tal-quantum likwidat mill-ewwel Qorti in linea ta' kumpens ghall-ksur tal-imsemmija artikoli, u d-decizjoni taghha li tichad it-talba ghar-rifuzjoni tal-ispejjez imhallsin ghall-funeral ta' John Fenech.

*L-Ewwel Aggravju*

10. Skont ir-rikorrenti, l-ewwel Qorti injorat id-decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Brincat and others v. Malta** fir-rigward tal-quantum tal-kumpens moghti ghad-danni non-pekunjarji, b'mod li ddiskriminat kontrihom. Ir-rikorrenti jsostnu illi l-kriterju tal-eta` tal-vittma, applikat mill-ewwel Qorti, ma huwiex relevanti ghall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni morali ghaliex il-hajja ta' bniedem ma tiswiex iktar jew inqas skont l-eta`. Jghidu wkoll illi f'kull kaz, John Fenech kellu 73 sena meta miet u mhux 76 sena kif qalet l-ewwel Qorti, li naqset ukoll li tiehu in konsiderazzjoni l-ugigh fiziku li ghadda minnu qabel miet u l-gravita` tal-lezjoni sofferta.

11. L-intimati, biex jirribattu l-aggravju tar-rikorrenti dwar id-diskriminazzjoni li jallegaw li soffrew b'rizultat tad-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-quantum tal-kumpens moghti lilhom, *inter alia* jissottolinejaw fir-risposta tal-appell taghhom, id-differenza bejn ic-cirkostanzi ta' John Fenech, mertu ta' din il-kawza, u dawk ta' George

Spiteri[1] kif ukoll ta' Attard li kien wiehed mill-applikanti fil-kaz ta' **Brincat and others v. Malta** u sostnew illi gialadarba l-fattispecie tal-kazijiet huma differenti, il-kuncett ta' diskriminazzjoni ma huwiex relevanti.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. Kwantu ghall-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jilmentaw illi l-*quantum* tal-kumpens moghti mill-ewwel Qorti huwa baxx wisq ghal-lezjoni sofferta, meta mqabbel mal-kumpens moghti f'kaz simili mill-Qorti ta' Strasburgu fil-kaz **Brincat and others v. Malta** u fis-sentenza **George Spiteri et v. Policy Manager tal-Malta Shipyard et**[2]. Fl-ewwel lok hija f'lokha l-osservazzjoni li l-proceduri odjerni huma principalment diretti sabiex jindirizzaw il-lezjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali subita mir-rikorrenti fid-drittijiet fundamentali taghhom, precizament, f'dan il-kaz, id-dritt protett bl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li taghhom l-ewwel Qorti rravvizat ksur.

13. Huwa pacifiku illi meta tinsab lezjoni ta' dritt protett mill-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni, il-mira primarja tar-rimedju tkun, generalment, il-waqfien tal-lezjoni, u l-konsiderazzjoni ta' kumpens tkun ta' importanza sekondarja, tant illi l-kumpens m'huwiex moghti f'kull kaz fejn tigi riskontrata lezjoni. Daqstant iehor huwa pacifiku illi l-qorti fil-

---

[1] **George Spiteri et v. Policy Manager tal-Malta Shipyard et** [Rikors 30/2009 deciza P.A. S.K. 23 ta' Novembru 2016]
[2] *Op. cit.*

funzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha s-setgha illi tipprovdi ghall-hlas ta' danni sew pekunjarji, sewwasew morali jew non-pekunjarji, b'zieda mar-rimedju li jista' jkun moghti meta dan ir-rimedju jista' ma jkunx wiehed shih u ma jaghmilx gustizzja f'dak il-kaz u meta d-dikjarazzjoni wahedha ta' ksur, jew il-waqfien tal-lezjoni, ma jkunux sufficjenti. Hawnhekk tqum il-htiega li l-vittma tigi kkumpensata ulterjorment ghat-telf li tkun soffriet. Fil-kaz **Kingsley v. United Kingdom**[3] il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

> "The court recalls that it is well established that the principle underlying the provision of just satisfaction for a breach of article 6 is that the applicant should as far as possible be put in the position he would have enjoyed had the proceedings complied with the Convention's requirements. The court will award monetary compensation under article 41 only where it is satisfied that the loss or damage complained of was actually caused by the violation it has found, since the state cannot be required to pay damages in respect of losses for which it is not responsible".

14. F'dawk il-kazjiet fejn gie ritenut li jkun opportun u indikat li jsir ordni ghall-hlas ta' kumpens ghal danni pekunarji u/jew non-pekunjarji, din il-Qorti, fuq l-iskorta tal-gurisprudenza lokali u tal-Qorti ta' Strasburgu, identifikat b'mod generali, tliet kriterji centrali u kumulattivi: [i] li r-rimedji li jkunu ezistenti jew disponibbli fis-sistema guridika ordinarja, ikunu inadegwati; [ii] ikun hemm konnessjoni kawzali bejn il-lezjoni u t-telf li ghalih jintalab il-kumpens, b'mod illi kumpens jinghata biss fejn jigi stabbilit ness kawzali bejn il-lezjoni u t-telf reklamat; u finalment [iii] l-iktar f'kazijiet fejn issir talba ghall-hlas ta' kumpens ghal

[3] Appl. No. 35607/97, deciz 28 ta' Mejju 2002.

danni non-pekunjarji, irid jigi rravvizat grad sufficjenti ta' gravita` tat-telf innifsu. In propositu, huwa risaput illi dan il-kriterju tal-ahhar jinghata tifsira relattivament ristrettiva fis-sens illi diment li l-anjseta` u t-tbatija ma jkunux ta' gravita` eccezjonali, m'hijiex ir-regola li jinghata kumpens ghal danni mhux pekunjarji.

15. Issir referenza in propositu ghas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Generali, u Maltapost plc (C22796)**, fejn din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti f'materja ta' kumpens:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni.
> …
> Kif inghad fis-sentenza *Amato Gauci v. Malta* deciza fil-15 ta' Settembru 2009, "*Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied* (ibid., § 249). ……..( para 80)".

16. Illum, u minhabba l-fattispecie tal-kaz odjern, din il-Qorti taqbel illi ma tistax ma tiehux konjizzjoni tas-sentenza recenti tal-Qorti ta' Strasburgu **Brincat and others v Malta**[4] fejn, filwaqt li tat tifsira aktar wiesa tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proceduri f'Malta

[4] Deciz 24 ta' Lulju 2014.

f'dak il-kaz, gie riaffermat li fil-kazijiet ta' lezjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'cirkostanzi applikabbli, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandu dejjem ikun possibli bhala rimedju l-hlas ta' danni mhux pekunjarji.

17. Din il-Qorti tinnota illi mill-atti processwali ma jirrizultax jekk ir-rikorrenti pprocedewx kontra l-iStat b'kawza civili quddiem il-qrati ordinarji, biex jitolbu l-hlas tad-danni materjali u pekunjarji ghat-telf li setghu attwalment soffrew minhabba l-mewt ta' John Fenech. F'kull kaz pero`, ir-rikorrenti ma ressqux provi f'din il-kawza in sostenn tat-talba taghhom li jigu likwidati danni pekunjarji[5] u, fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rendikont ta' beneficcji socjali li ppercepixxa l-imsemmi John Fenech minn meta gie *boarded out* mill-impieg tieghu mal-Malta Drydocks, ma jikkostitwixxix prova idonea ghal dan il-fini. Huwa evidenti ghalhekk, li r-rimedju meritu ta' dan l-appell ghandu jikkonsisti biss f'dak non-pekunjarji ossia danni morali.

18. Infatti, din il-Qorti tosserva illi minkejja illi fis-sitt talba taghhom fir-rikors promotur, ir-rikorrenti talbu illi tinghata ordni sabiex l-ammont likwidat bhala <u>rimedju pekunjarju</u> jithallas lilhom individwalment, ma jirrizultax illi l-aggravju taghhom jinsab iccentrat fuq in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tillikwida danni pekunjarji. Evidentement, ir-rikorrenti llimitaw l-ewwel aggravju taghhom ghall-konsiderazzjoni li l-quantum tad-danni

[5] Oltre ghall-ispejjez tal-funeral li jifformaw il-mertu tat-tieni aggravju tar-rikorrenti.

morali likwidat mill-ewwel Qorti, tant huwa baxx illi huwa rizorji u diskriminatorju.

19. Jidher illi l-unici “danni” li r-rikorrenti kkwantifikaw espressament u li ressqu provi konkreti dwarhom, huma l-ispejjez tal-funeral, liema aspett jifforma l-mertu tat-tieni aggravju taghhom f’dan l-appell.

20. Skont ir-rikorrenti, l-ewwel Qorti ma haditx kont tal-quantum tal-kumpens likwidat mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta’ **Brincat and others v. Malta**. Din il-Qorti tosserva illi f’dan il-kaz appena citat, il-Qorti Ewropea illikwidat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta’ €9,000 ghal-lezjoni tal-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni fil-kaz ta’ diversi vittmi li, ghalkemm gie stabbilit li sahhithom giet affettwata negattivament u serjament b’espozizzjoni ghall-asbestos, kienu ghadhom hajjin meta gie deciz il-kaz. Filwaqt illi r-rikorrenti jilmentaw li dan huwa l-istess ammont ta’ kumpens li gie moghti lilhom bhala eredi ta’ persuna li attwalment mietet bhala kawza diretta tal-effetti nocivi tal-asbestos, iqabblu l-kaz taghhom mal-kaz ta’ Attard [mertu tal-Applikazzjoni Numru 62338/11[6]] li wkoll kien lahaq miet bl-effetti tal-asbestos.

21. Fil-kaz ta’ Attard, jirrizulta li t-tlett eredi tieghu inghataw kumpens non-pekunjarju fis-somma ta’ €30,000 mill-Qorti Ewropea. Skont ir-rikorrenti dan il-kaz huwa simili ghall-kaz odjern u jikkontendu li l-ewwel

[6] Din tifforma parti mid-decizjoni fi **Brincat and others v. Malta**.

Qorti messa illikwidat kumpens f'ammont komparabbli. Jisiltu wkoll paragun bejn il-kaz taghhom u dak ta' George Spiteri[7] li kien miet fl-eta` ta' 67 fil-mori tal-kawza kostituzzjonali istitwita minnu fuq l-istess binarji ta' dan il-kaz odjern, fejn il-Qorti illikwidat kumpens ghad-danni non-pekunjarju fis-somma ta' €25,000, pagabbli lill-eredi tieghu.

22. Din il-Qorti tirribadixxi li, kif diga` stabbilit, dan l-appell ma jittrattax il-likwidazzjoni ta' danni materjali jew pekunjarji, fejn certu fatturi setghu jassumu xi relevanza fl-ezercizzju ta' kwantifikazzjoni, izda jitratta biss kumpens ghal danni ta' natura morali li ma jidhlu qatt fl-ezami estensiv u komputativ bhal ma hu telf ta' qliegh prezenti u futur u danni ohra inkorsi. Dan qed jinghad ukoll b'referenza ghas-sottomissjonijiet maghmula mill-intimati fir-risposta tal-appell taghhom in tema tar-reintegrazzjoni tal-patrimonju tad-dannegjat[8], liema sottomissjonijiet din il-Qorti tqis li huma ghal kollox irrelevanti fil-kaz tal-lum.

23. Fir-rigward, hija wkoll opportuna l-osservazzjoni illi l-intimati ma intavolaw ebda appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li kkonkludiet illi "*John Fenech miet probabbilment kawza tal-kancer assocjat mal-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos fi zmien li kien jahdem mat-tarzna*", u ghalhekk hija kompletament barra minn lokha s-sottomissjoni tal-intimati fir-risposta tal-appell taghhom, illi d-differenza fil-kondizzjonijet medici

[7] *Op. cit.*
[8] Pagna 5, paragrafu 16 tar-risposta tal-appell tal-intimati.

partikolari li bihom mietu l-vittmi fil-kaz ta' Attard u l-kaz odjern, kienet relevanti ghal-likwidazzjoni tad-danni morali[9]. In propositu, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi jirrizulta li John Fenech ghamel kwazi ghoxrin sena iktar minn Attard jahdem fil-Malta Drydocks u kwindi kien espost aktar ghall-asbestos.

24. Din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi c-cirkostanzi ta' dawn iz-zewg kazijiet citati minnhom fir-rikors tal-appell, huma analogi ghal dawk tal-kaz odjern fil-mertu centrali taghhom u fl-elementi li huma relevanti sabiex tigi stabbilita lezjoni lamentata u d-dritt ghal kumpens ghal danni mhux pekunjarji. Dan jinghad ghaliex fit-tliet kazijiet, li lkoll gew istitwiti jew tkomplew mill-eredi tal-vittmi li mietu, il-vittmi kollha kienu eks-impjegati tal-Malta Drydocks li kienu jahdmu fl-istess perjodu ta' zmien bhala haddiema gewwa t-tarzna, kienu kollha esposti ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol taghhom, u lkoll diga` lahqu mietu b'kondizzjonijiet li kienu kagun tal-espozizzjoni kontinwa taghhom ghal asbestos. Fil-fehma kkonsidrata ta' din il-Qorti, huma dawn il-kriterji, maghdud maghhom ukoll it-tul taz-zmien tal-marda li sofrew qabel ma' mietu, u l-ansjeta` u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma kif ukoll, sa certu punt, l-eta` tal-vittma, li huma relevanti biex jigi likwidat kumpens ghal danni non-pekunjarji lill-eredi tal-vittmi. Inoltre, din il-Qorti taqbel li anke fil-kaz

[9] Fid-decizjoni taghha fil-kaz ta' Attard, il-Qorti Ewropea qalet hekk: "*The medical certificate in the case of Mr Attard stated that his death was "likely to be a result of asbestos exposure."*"

odjern fil-komputazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghandu jittiehed kont tar-relattivita` ma' kazijiet ohra simili gia decizi.

25. Din il-Qorti thoss li huwa importanti li jigi spjegat u senjalat li l-fattur tal-eta` tal-mewt tal-vittma ghandu piz qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, ghax ghandu jirrizulta car li, hemm differenza kbira fil-kaz fejn il-marda qerrieda tkun hakmet persuna f'eta` relattivament zghira bhal nghidu ahna 60 sena circa u meta bhal fil-kaz odjern il-marda tkun hakmitu meta l-persuna kienet qabzet is-70 sena. Fl-ewwel kaz il-vittma jkun gie privat minn hajtu f'eta` relattivament zghira, u ghalhekk il-familjari tieghu jkunu gew privati mill-prezenza u mill-kumpanija tieghu ghal numru ta' snin li kieku ma hakmitux il-marda, filwaqt li fit-tieni kaz il-vittma jkun ghex ghall-numru ta' snin u hu u l-familjari tieghu gawdew lil xulxin tul dak iz-zmien sakemm miet ta' eta` [73] pjuttost avvanzata meta l-prospetti li persuna tkompli tghix u tgawdi kwalita` ta' hajja tajba jkunu bdew jonqsu.

26. Fattur iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jigi senjalat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taz-zmien li matulu l-vittma damet issoffri mill-marda, f'liema perjodu wkoll il-familjari tieghu jkunu sofrew ansjeta` u dwejjaq meta raw lil missierhom ibati, minhabba l-marda, sakemm miet. F'dan il-kaz jirrizulta li bejn id-data li fiha tfegget il-marda u l-mewt tar-rikorrent, ghaddiet circa sena.

27. Ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kull kaz ghandu jigi analizzat minn lenti individwali u fuq il-merti partikolari tieghu, hija daqstant relevanti l-konsiderazzjoni ta' uniformita` fid-decizjonijiet ta' kazijiet analogi, u dan fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja kif ukoll sabiex din il-Qorti ma taghtix lok hija stess ghal ilmenti ohrajn ta' natura kostituzzjonali. Dan ma jfissirx li l-qorti ma tistax tiddeciedi differentement mill-gurisprudenza lokali jew tal-Qorti ta' Strasburgu in materja, jekk tasal biex temmen illi fil-kaz partikolari quddiemha, ma ghandhomx jigu applikati l-konsiderazzjonijiet maghmulin f'sentenzi ohrajn precedenti fl-istess materja, anke ghaliex kif inhuwa risaput, il-qrati Maltin ma humiex marbutin bil-principju ta' *stare decisis*. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn f'materja ta' komputazzjoni ta' kumpens ghal lezjoni ta' dritt fondamentali sancit fl-artikolu konvenzjonali fuq citat gie osservat:-

> "Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f'certi kazijiet kellha taghti kumpens f'ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-qrati maltin tilfu l-awtonomija taghhom b'mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f'ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja".

28. Madanakollu, huwa pacifiku ukoll illi l-qrati Maltin ma jiskartawx facilment il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, specjalment meta jkunu

qeghdin jittrattaw lezjoni taht il-Konvenzjoni, wisq anqas ma jiskartawx gurisprudenza lokali in materja fejn jigi stabbilit illi l-fattispecie tal-kazijiet ikunu analogi, kif inhuma l-kaz odjern ta' John Fenech, u dawk ta' George Spiteri u ta' Attard, salv ghall-etajiet differenti tal-vittmi. Fil-fatt John miet meta kellu 73 sena, George Spiteri miet meta kellu 67 sena u Attard miet fl-eta` ta' 61. Fl-istess vena, din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kaz ta' Andrew Psaila, deciz b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali][10], li wkoll miet kawza tal-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos f'cirkostanzi simili ghal dawk taht konsiderazzjoni. Senjatament, il-vittma, bhal fil-kaz odjern ta' John Fenech u fil-kaz ta' George Spiteri, kif ukoll ta' Attard, kien miet fi zmien qasir wara d-dijanjosi ta' marda assocjata mal-asbestos. Il-Qorti tinnota wkoll illi fil-kaz ta' Andrew Psaila, ghalkemm dan il-vittma kien miet meta kien ghadu impjegat mal-Malta Drydocks fis-sena 1980 fl-eta` ta' 60 sena, il-qorti illikwidat kumpens ghal danni mhux pekunjarji fis-somma ta' €30,000, cioe` somma identika ghal dik likwidata fil-kaz ta' Attard fid-decizjoni **Brincat and others v. Malta**. Il-Qorti immotivat id-decizjoni taghha fil-kaz ta' Andrew Psaila, kif gej:-

> "Ghal dak li jirrigwarda *non pecuniary damages,* din il-Qorti sejra toqghod fuq il-linji traccjati fil-kaz ta` Brincat. Hemm fost l-applikanti kien hemm l-eredi ta` haddiem kunjomu Attard li miet b`kancer attribwit ghall-esposizzjoni mill-asbestos. Attard miet fl-2006 fl-eta` ta` 61 sena. Fil-kaz tal-lum Psaila miet fl-1988 fl-eta` ta` 60 sena. Il-Qorti sejra tillikwida kumpens fl-ammont ta` €30,000 ghall-vjolazzjoni tal-Art

[10] **Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)** – deciza 31 ta' Jannar 2017.

> 2 tal-Konvenzjoni u ghall-Art 33 tal-Kostituzzjoni sabiex jinqasam indaqs bejn kull wiehed u wahda bejn l-erba` rikorrenti".

29. Din il-Qorti tinnota illi l-ewwel Qorti kkonsidrat, fil-likwidazzjoni tad-danni morali dovuti f'dan il-kaz, mhux biss l-affinita` bejn il-vittma u r-rikorrenti, u s-sofferenzi taghhom, izda wkoll it-trapass taz-zmien minn meta John Fenech irtira sa meta gie ppruvat li tfaccat il-marda li eventwalment qatlitu.

30. Ferm il-premess, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi, ghalkemm huwa relevanti l-fatt li l-vittma kellu 73 sena meta miet, u ghalhekk ma setax kien mistenni jghix ghexieren ta' snin ohra, il-hajja familjari tar-rikorrenti kienet giet imcahhda hesrem mill-prezenza tieghu – fattur li certament ikkontribwixxa b'mod sinjifikanti ghall-ansjeta` u tbatija li garrbu l-familjari tieghu, iktar u iktar meta dawn rawh isoffri b'mod kiefer mill-effetti tal-kancer assocjat mal-asbestos, kif deskritt minnhom fl-affidavits taghhom. Ir-rikorrenti iddeskrivewh kollettivament bhala bniedem li kien b'sahhtu u attiv.

31. F'dan il-kaz tal-lum, huwa evidenti li kien hemm element qawwi ta' dipendenza tar-rikorrenti Maria Rosaria Fenech fuq il-mejjet, ghalkemm l-istess ma jistax jinghad fir-rigward ta' uliedu r-rikorrenti l-ohra. Fl-istess hin, din il-Qorti tqis illi inevitabbilment kien hemm affinita` affettiva familjari anke bejn il-mejjet u uliedu r-rikorrenti.

32. Konformament mal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-aggravju tar-rikorrenti huwa fondat u sejra tilqghu. Ghall-finijiet tal-kumpens dovut f'dan il-kaz lir-rikorrenti in linea ta' *non-pecuniary damages* minhabba l-vjolazzjoni riskontrata mill-ewwel Qorti tad-dritt protett mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, u mizmumin ferm il-konsiderazzjonijiet fuq riportati, tqis illi dan il-kumpens ghandu jkun fis-somma komplessiva ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), pagabbli in kwantu ghas-somma ta' €10,000 lir-rikorrenti Maria Rosaria Fenech u in kwantu ghas-somma ta' €2,500 lil kull wahda mir-rikorrenti l-ohra.

33. Ghaldaqstant il-qorti tikkonsidra dan l-aggravju bhala gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi, u ser tilqghu

*It-Tieni Aggravju*

34. Fit-tieni aggravju taghhom, ir-rikorrenti jilmentaw illi billi din il-Qorti hija munita bis-setgha li tillikwida u taghti kumpens ghal danni pekunjarji daqs il-qrati ordinarji, xejn ma kien josta li tordna r-rifuzjoni tal-ispejjez tal-funeral ta' John Fenech li miet bhala konsegwenza diretta tal-vjolazzjoni da parti tal-istat tal-obbligi tieghu li tipprotegih kontra l-mard ikkagunat mill-esposizzjoni ghall-asbestos.

35. L-intimati wiegbu illi kienet korretta l-ewwel Qorti li ma qiesetx l-ispejjez tal-funerali bhala danni pekunjarji li jistghu jintalbu bhala danni civili, u li l-aggravju tar-rikorrenti fir-rigward, huwa infondat.

36. Din il-Qorti ma ghandhiex wisq diffikolta` biex taghraf illi l-ewwel Qorti ghandha ragun meta qieset illi l-ispejjez funebri li hallset ir-rikorrenti Maria Rosaria Fenech ma humiex ta' natura pekunjarja li jinkwadraw bhala danni civili. Dawn huma spejjez relattivi ghall-mewt ta' John Fenech li xorta wahda kienu jithallsu mal-mewt tieghu rrispettivament mir-raguni tal-mewt.

37. Mizmum ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi t-tieni aggravju tar-rikorrenti m'huwiex gustifikat u ser tichdu.

Decide

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti billi tilqghu in parte u filwaqt illi tillikwida l-kumpens ghad-danni morali sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat tal-lezjoni riskontrata fis-sentenza appellata fis-somma ta' hmistax-il elf Euro (€15,000), tordna illi din is-somma tithallas in kwantu ghall-ammont ta' għaxart elef Euro (€10,000) lir-rikorrenti Maria Rosaria Fenech u in kwantu ghall-ammont ta' elfejn u

ħames mitt Euro (€2,500) lil kull wahda mir-rikorrenti l-ohra; ghall-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kwart ($^{1}/_{4}$) mill-appellant u tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mill-appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm